5.7.2010 B7-0410/1

**Emenda 1**
**Udo Bullmann**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni B7-0410/2010**
**Sharon Bowles**
f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji
dwar il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja u azzjonijiet futuri

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa AA (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(AA) billi l-euro, sal-bidu tal-kriżi, ipproteġa lill-Istati Membri kontra t-twessigħ tal-firxiet tad-dejn sovran,*** |

Or. en

5.7.2010 B7-0410/2

**Emenda 2**
**Udo Bullmann**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0410/2010**
**Sharon Bowles**
f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji
dwar il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja u azzjonijiet futuri

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni indipendenti reċenti tal-BĊE li jixtri bonds tal-gvern fis-suq sekondarju sabiex jissalvagwardja l-istabilità fiż-żona tal-euro li ġiet ipperikolata bil-pressjonijiet spekulattivi fuq tali bonds, u jitlob kunsiderazzjoni ulterjuri ta' din il-prattika;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

5.7.2010 B7-0410/3

**Emenda 3**
**Udo Bullmann**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0410/2010**
**Sharon Bowles**
f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji
dwar il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja u azzjonijiet futuri

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Huwa tal-fehma li qafas tal-UE aktar b'saħħtu għall-governanza ekonomika għandu jinkludi mekkaniżmu permanenti tal-UE għar-riżoluzzjoni ta' *kriżijiet* ta' dejn sovran, ***bħal*** Fond Monetarju Ewropew, approċċ ikkoordinat għall-bilanċ mill-ġdid makroekonomiku, u sinerġiji akbar bejn il-baġit tal-UE u l-baġits tal-Istati Membri, biex b'hekk jiġi kkomplementat il-konsolidar fiskali sostenibbli; | 16. Huwa tal-fehma li qafas tal-UE aktar b'saħħtu għall-governanza ekonomika għandu jinkludi mekkaniżmu permanenti tal-UE għar-riżoluzzjoni ta' *kriżi* ta' dejn sovran, ***li jista' jinkiseb pereżempju permezz tat-tfassil mill-ġdid tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja bħala*** Fond Monetarju Ewropew, ***kif ukoll bħala*** approċċ ikkoordinat għall-bilanċ mill-ġdid makroekonomiku, u sinerġiji akbar bejn il-baġit tal-UE u l-baġits tal-Istati Membri, biex b'hekk jiġi kkomplementat l-ikkonsolidar fiskali sostenibbli; |

Or. en